MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 188/2014

**A B**
**u**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' G li twieldet nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u L li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghaldaqstant it-tnejn ghadhom minorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone sa mill-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u

disgha (2009) (ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok B u amenda ta' l-istess kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Martinelli tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hawn annessa u mmarkata bhala Dok C);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi r-ragel obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' tletin Ewro (€30) lil mara skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu ittra B tal-imsemmi att ta' separazzjoni (ara pagna 1 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness). Illi l-partijiet jiddikjaraw illi dan il-manteniment kif imsemmi qed jithallas puntwalment u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;
6. Illi r-ragel ulterjorment obbliga ruhu li jivversa manteniment ghaz-zewg minuri flimkien fl-ammont ta' hames mija u sebghin Ewro (€570) fix-xahar li jizdiedu kull sena b'ghaxar Ewro (€10) fix-xahar fuq il-manteniment tas-sena ta' qabel u dan ai termini tal-Artikolu ittra C tal-imsemmi att ta' separazzjoni (ara pagna 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness). Illi l-partjiet jiddikjaraw illi dan l-manteniment kif imsemmi qed jithallas puntwalment u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmijia jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbu fid-dawl tal-fatti hawn esposti li din il-Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni :

1. Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tiddikjara li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-5 ta' Frar 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------